

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/392

tal-4 ta' Marzu 2021

dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' *data* relatata mal-emissjonijiet tas-CO₂, minn karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1014/2010, (UE) Nru 293/2012, (UE) 2017/1152 u (UE) 2017/1153

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 7(7), 12(4), 13(4) u 15(7) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-monitoraġġ u r-rapportar ta' *data* relatata ma' karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief irreġistrati fl-Unjoni huma essenzjali għall-funzjonament tal-istandards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/631. Meta jitqies li dak ir-Regolament beda japplika fl-1 ta' Jannar 2020, huwa xieraq li jiġu ssimplifikati u ċċarati d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1014/2010 ⁽²⁾ u (UE) Nru 293/2012 ⁽³⁾ u li daww id-dispożizzjonijiet jiddaħħlu f'Regolament ta' Implimentazzjoni wieħed uniku. Madankollu, għar-rapportar tad-*data* għas-sena kalendarja 2020, huwa xieraq li kemm id-dispożizzjonijiet il-ġodda kif ukoll daww eżistenti jitħallew jikkoinċidu sat-28 ta' Frar 2021.
- (2) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' *data* relatata ma' karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, mill-manifatturi, kif ukoll mill-Kummissjoni u mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA).
- (3) Iċ-ċiklu ta' monitoraġġ u rapportar previst fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/631 jikkonsisti fi tliet passi ewlenin: ir-rapportar annwali mill-awtoritajiet tal-Istati Membri lill-Kummissjoni tad-*data* provviżorja bbażata fuq ir-reġistrazzjonijiet ta' vetturi ġodda fis-sena kalendarja preċedenti; it-trażmissjoni ta' dik id-*data* provviżorja mill-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-EEA, lill-manifatturi kkonċernati; il-verifika ta' dik id-*data* mill-manifatturi u, fejn meħtieġ, in-notifika lill-Kummissjoni dwar il-korrezzjonijiet għal dik id-*data*.
- (4) Il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-atturi differenti, bħala parti minn daww it-tliet passi fil-limiti ta' żmien rilevanti, jenħtieġ li jiġu speċifikati b'mod ċar, bl-objettiv li jiġu żgurati r-robustezza u l-affidabbiltà tas-sett ta' *data* finali ppubblikat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/631, li abbażi tiegħu jiġu ddeterminati l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ ta' maniffatur u l-konformità mal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1014/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' *data* fuq ir-reġistrazzjoni ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 293, 11.11.2010, p. 15).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 293/2012 tat-3 ta' April 2012 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' *data* fuq ir-reġistrazzjoni ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 98, 4.4.2012, p. 1).

- (5) Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/631, il-Kummissjoni hija meħtieġa tiġbor, mill-2021, *data* dwar il-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija tal-użu reali tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief li jiġu rreġistrati minn apparat għall-monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-enerġija abbord kif previst fl-Artikolu 4a tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 (*).
- (6) Din id-*data* tal-użu reali jenħtieġ li tinġabar hekk kif issir disponibbli, peress li huwa essenzjali li jiġi identifikat, malajr kemm jista' jkun, kif id-differenza bejn l-emissjonijiet tal-użu reali u l-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija u l-valuri korrispondenti tal-approvazzjoni tat-tip tevolvi maż-żmien, kemm għall-monitoraġġ tal-effettività tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂ fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vetturi, kif ukoll għall-informazzjoni lill-pubbliku.
- (7) Sabiex jiġi żgurat li jkun possibbli li jkun hemm aċċess għal *data* dwar il-konsum tal-fjuwil u l-enerġija tal-użu reali mill-aktar fis possibbli, il-manifatturi jenħtieġ li jintalbu jiġbru din id-*data* minn karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati mill-1 ta' Jannar 2021. Din id-*data* tista' tinġabar jew permezz ta' trasferimenti diretti ta' *data* minn vetturi lill-manifatturi, jew permezz tan-negozjanti awtorizzati jew tas-sewweġja awtorizzati tagħhom meta l-vetturi jiddaħħlu għal service jew tiswijiet u d-*data* abbord għandha tinqara għal skopijiet oħra. Meta din id-*data* tkun saret disponibbli għal manifattur, jenħtieġ li tiġi rrapportata lill-Kummissjoni, li tibda b'*data* relatata ma' vetturi ġodda rreġistrati fl-Unjoni għall-ewwel darba fl-2021.
- (8) Skont ir-Regolament (UE) 2017/1151, l-obbligu li l-vetturi jiġu mġhammra b'apparat għall-monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija abbord ma japplikax għal ċerti manifatturi ta' volumi żgħar, u għalhekk huwa xieraq li dawn jenħtieġ li jiġu eżentati wkoll mill-obbligu li jiġbru u jirrapportaw id-*data* tal-użu reali. Madankollu, dan jenħtieġ li ma jżommx lill-manifatturi ta' volumi żgħar milli jipprovdu *data* tal-użu reali f'każ li jkun jixtiequ hekk.
- (9) Id-*data* dwar il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija tal-użu reali jenħtieġ li tinġabar mill-Istati Membri bħala parti mit-testijiet tal-affidabbiltà stradali mwettqa skont id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (?). Sabiex dan il-kompitu jiġi ffaċilitat, huwa xieraq li l-obbligu li tinġabar id-*data* tal-użu reali jiġi allinjat mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2014/45/UE, kemm fir-rigward tal-iskedi nazzjonali għat-testijiet tal-affidabbiltà stradali kif ukoll għall-qari tad-*data* mill-port serjali dijanjostiku abbord tal-vetturi. Għalhekk il-ġbir ta' *data* jenħtieġ li jibda mill-ewwel testijiet tal-affidabbiltà stradali u jenħtieġ li ma jkunx meħtieġ qabel l-20 ta' Mejju 2023, li hija d-*data* minn meta l-korpi u l-istabbilimenti li jwettqu dawk it-testijiet għandhom ikunu mġhammra bl-apparat meħtieġ, bħal għodod tal-iskennjar, skont dik id-Direttiva. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jinżammux milli jagħtu *data* qabel dik id-*data*, jekk ikunu jixtiequ hekk.
- (10) Il-manifatturi u l-Istati Membri jenħtieġ li jirrapportaw id-*data* tal-użu reali miġbura matul sena kalendarja lill-Kummissjoni u lill-EEA, billi jużaw il-proċeduri tat-trażmissjoni tad-*data* pprovdu mill-EEA. Jekk din id-*data* ma tkunx disponibbli, li jista' jkun il-każ b'mod partikolari fl-ewwel snin kalendarji wara l-2021, il-manifatturi u l-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni u jagħtu r-raġunijiet għal dan.
- (11) Id-*data* dwar il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija tal-użu reali jenħtieġ li tinġabar flimkien man-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN). Il-VIN jitqies bħala *data* personali mill-mument li fih tiġi rreġistrata l-vettura, u għalhekk huwa soġġett għar-rekwiżiti stabbiliti fir-rigward tal-protezzjoni ta' *data* ta' dak it-tip fir-

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswiġja u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1).

(?) Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).

Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ⁽⁶⁾ L-ipproċessar tal-VINs għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2019/631 jenħtieġ li jitqies bħala legali skont l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/679. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi speċifikat li l-entitajiet involuti fil-ġbir, fir-rapportar u fl-ipproċessar tal-VINs, għandhom jitqiesu bħala kontrolluri ta' dik id-*data* skont it-tifsira tal-punt 7 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679 u, fir-rigward tal-EEA u tal-Kummissjoni, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(8) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾. Jenħtieġ li jiġi żgurat ukoll li l-VINs jinġabru bl-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni sikuri, u li s-suġġetti tad-*data*, jiġifieri s-sidien tal-vetturi, ikunu infurmati b'mod adegwat skont l-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament (UE) 2016/679.

- (12) Jenħtieġ li jiġi speċifikat ukoll kif għandhom jintużaw id-*data* tal-użu reali u l-VINs, u l-perjodu ta' żmien li għalih dik id-*data* għandha tinżamm mill-entitajiet differenti involuti fil-ġbir u fir-rapportar. Billi l-oġettiv huwa li tiġi segwita l-evoluzzjoni tal-prestazzjoni ta' użu reali tal-vettura għat-tul tal-ħajja smat tagħha, id-*data* jenħtieġ li tinġabar għal perjodu ta' 15-il sena għall-istess vettura u tinżamm mill-EEA għal perjodu ta' 20 sena. Madankollu, fir-rigward ta' entitajiet oħra li jiġbru u li jirrapportaw *data*, dawn jenħtieġ li jżommu d-*data* għaż-żmien meħtieġ biss biex iħejju d-*data* għat-trażmissjoni lill-EEA.
- (13) Il-ġbir ta' *data* tal-użu reali u tal-VINs jenħtieġ li jkun trasparenti għalkollox, u s-sidien tal-vetturi għalhekk jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jirrifjutaw li jagħmlu dik id-*data* disponibbli għall-manifatturi jew matul it-testijiet tal-affidabbiltà stradali. Jenħtieġ li jiġi nnutat li d-dritt għal rifjut min-naħa tas-sid tal-vettura mhux iebażat fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2016/679 u li r-rifjut jenħtieġ li jitqies validu biss fir-rigward tad-*data* li tinġabar għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.
- (14) Id-*data* li għandha tiġi ppubblikata skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/631 jenħtieġ li ma tippermettix l-identifikazzjoni ta' vetturi jew sewwieqa individwali, iżda jenħtieġ li tiġi ppubblikata biss bħala sett ta' *data* anonimizzata u aggregat mingħajr ebda referenza għall-VINs.
- (15) Abbażi tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) 2019/631, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrevedi ċerti aspetti tad-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-pubblikazzjoni tad-*data* dwar il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija tal-użu reali, filwaqt li tqis, *inter alia*, id-disponibbiltà tat-trasferimenti diretti tad-*data* mill-vetturi.
- (16) Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà tad-*data* tal-approvazzjoni tat-tip għall-fini tal-istabbiliment ta' proċedura għall-verifika tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' karozzi tal-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali ħfief fis-servizz, kif meħtieġ mill-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/631, il-ġbir ta' din id-*data* skont ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1152 ⁽⁸⁾ u (UE) 2017/1153 ⁽⁹⁾ jenħtieġ li jkompli wkoll wara li l-obbligu li tinġabar din id-*data* skont dawk ir-Regolamenti jieqaf japplika fl-1 ta' Jannar 2021.

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1152 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jstabbilixxi metodoloġija biex jiġu ddeterminati l-parametri ta' korrelazzjoni meħtieġa biex tiġi riflessa l-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju fir-rigward ta' vetturi kummerċjali ħfief u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 293/2012 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 644).

⁽⁹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1153 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jstabbilixxi metodoloġija biex jiġu ddeterminati l-parametri ta' korrelazzjoni meħtieġa biex tiġi riflessa l-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1014/2010 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 679).

- (17) L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip jenħtieġ li għalhekk jiżguraw li d-*data* relatata mat-testijiet imwettqa skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1151 tibqa' tiġi rreġistrata u trażmessa liċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni, permezz tal-proċedura sikura ta' trażmissjoni pprovduta minnu.
- (18) Mill-1 ta' Jannar 2021, ma għadux meħtieġ li jiġu ddeterminati l-emissjonijiet tas-CO₂ għall-karozzi tal-passiġġieri u għall-vetturi kummerċjali ħfief skont iċ-Ċiklu tas-Sewqan Ewropew Ġdid (NEDC) kif previst fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1152 u (UE) 2017/1153, bl-eċċezzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri elettriċi ibridi b'iċċarġjar mhux fuq il-vettura mqiegħda fis-suq sal-31 ta' Diċembru 2022, meta manifattur jixtieq jibbenefika minn super krediti kif stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/631.
- (19) Peress li t-tranżizzjoni mill-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂ ibbażati fuq l-NEDC għal standards ibbażati fuq il-Proċedura ta' Ttestjar Armonizzata Fuq Livell Dinji għall-Vetturi Ħfief stabbilita fir-Regolament (UE) 2017/1151 se titlesta kompletament biss sal-aħħar tal-2023, u fl-aħħar se tiġi rrappurtata bħala parti mill-proċess annwali ta' monitoraġġ tad-*data* tas-CO₂ fl-2024, u b'mod partikolari fid-dawl tad-dispożizzjonijiet dwar l-ekoinnovazzjonijiet u l-vetturi ta' tmiem is-serje, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1152 u (UE) 2017/1153 jenħtieġ li jibqgħu fis-seħħ sal-aħħar tal-2024.
- (20) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-kummenti tiegħu fl-14 ta' Jannar 2021.
- (21) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-proċeduri għall-monitoraġġ u għar-rapportar mill-Istati Membri u l-manifatturi ta' *data* relatata mal-emissjonijiet tas-CO₂ minn karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda, kif ukoll *data* dwar l-emissjonijiet tas-CO₂ u l-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija tal-użu reali ta' dawk il-vetturi.
2. Sabiex tiġi stabbilita l-proċedura għall-verifika tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' vetturi fis-servizz skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/631, dan ir-Regolament jipprevedi wkoll ir-rapportar mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' ċerta *data* rreġistrata bħala parti mit-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip imwettqa skont ir-Regolament (UE) 2017/1151.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/631, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "*data* dettaljata ta' monitoraġġ" tfisser id-*data* dettaljata ta' monitoraġġ speċifikata għall-karozzi tal-passiġġieri fit-Taqsima 2 tal-Parti B tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/631 u għall-vetturi kummerċjali ħfief fit-Taqsima 2 tal-Parti C tal-Anness III ta' dak ir-Regolament;
- (b) "*data* ta' monitoraġġ aggregata" tfisser id-*data* aggregata speċifikata għall-karozzi tal-passiġġieri fit-Taqsima 1 tal-Parti B tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/631 u għall-vetturi kummerċjali ħfief fit-Taqsima 1 tal-Parti C tal-Anness III ta' dak ir-Regolament;

- (c) “*data* tal-użu reali” tfisser id-*data* msemmija fil-punt 3.1(a) u (b) u l-punt 3.2(a) sa (g) u (l) tal-Anness XXII tar-Regolament (UE) 2017/1151 li nkisbet minn apparat għall-monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-enerġija abbord.

KAPITOLU 2

RAPPORTAR TA' DATA SKONT L-ARTIKOLU 7 TAR-REGOLAMENT (UE) 2019/631

Artikolu 3

Data ta' monitoraġġ aggregata u dettaljata

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-manutenzjoni, il-ġbir, il-kontroll, il-verifika u t-trażmissjoni f'waqtha tad-*data* ta' monitoraġġ aggregata u dettaljata lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA).

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-talbiet mill-EEA għal kjarifiki jew korrezzjonijiet tad-*data* trażmessa jiġu indirizzati mingħajr dewmien mill-persuni ta' kuntatt maħtura tagħhom.

2. Id-*data* ta' monitoraġġ aggregata u dettaljata għandha tiġi rrapportata f'żewġ settijiet ta' *data* separati għall-karozzi tal-passiġġieri u l-vetturi kummerċjali ħfief, rispettivament, skont il-Parti B tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/631 u l-Parti C tal-Anness III ta' dak ir-Regolament.

3. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-*data* ta' monitoraġġ aggregata u dettaljata permezz tat-trasferiment elettroniku tad-*data* lir-Repożitorju Ċentrali tad-*Data* (CDR) ġestit mill-EEA. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta tiġi trażmessa d-*data*.

Artikolu 4

Kalkoli u data provviżorji

1. Il-Kummissjoni, flimkien mal-EEA, għandha, skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2019/631, tiżgura li kull manifattur u konsorzju ta' manifatturi responsabbli minn karozzi ġodda tal-passiġġieri jew vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fl-Unjoni jiġi nnotifikat dwar il-kalkolu provviżorju tal-mira ta' emissjonijiet speċifiċi tiegħu u l-emissjonijiet speċifiċi medji tiegħu tas-CO₂, u dwar id-*data* rrapportata mill-Istati Membri.

2. Il-kalkoli provviżorji u d-*data* msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu nnotifikati separatament għall-karozzi tal-passiġġieri u l-vetturi kummerċjali ħfief u għandhom jinkludu r-rekords li, abbażi tal-isem tal-manifattur u l-Identifikatur Dinji tal-Manifattur, jistgħu jiġu attribwiti lil dak il-manifattur.

3. Ir-reġistru ċentrali tad-*data* msemmi fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2019/631 għandu jinkludi l-entrati kollha tad-*data* rrapportati mill-Istati Membri, bl-eċċezzjoni tan-numri ta' identifikazzjoni tal-vetturi (VINs).

Il-VINs għandhom jinżammu mill-EEA għal perjodu ta' 20 sena mid-*data* li fiha dawn ikunu ġew applowdjati għall-ewwel darba fis-CDR jew fir-Repożitorju tad-*Data* tan-Negozju (BDR) tal-EEA.

Artikolu 5

Detalji tal-manifattur

Il-manifatturi li jqiegħdu jew li jkollhom l-intenzjoni li jqiegħdu karozzi tal-passiġġieri jew vetturi kummerċjali ħfief li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/631 fis-suq tal-Unjoni għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bl-informazzjoni li ġeja u bi kwalunkwe bidla f'dik l-informazzjoni:

- l-isem tal-manifattur li jindikaw jew li jkollhom l-intenzjoni li jindikaw fuq iċ-ċertifikati ta' konformità;
- l-Identifikatur Dinji tal-Manifattur, li jikkorrispondi għall-ewwel tliet karattri tal-VIN, li jindikaw jew li jkollhom l-intenzjoni li jindikaw fuq iċ-ċertifikati ta' konformità;

- (c) għall-fini tan-notifika msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2019/631, l-isem u l-indirizz tal-persuna ta' kuntatt li tirrappreżenta lill-manifattur u li lilha tiġi indirizzata n-notifika tal-kalkoli u d-*data* provviżorji.

L-ismijiet u l-indirizzi msemmija fil-punt (c) għandhom jitqiesu bħala data personali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Artikolu 6

Notifika ta' żbalji fid-*data* użata għall-kalkoli provviżorji

1. Meta manifattur jivverifika d-*data* provviżorja skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2019/631, huwa għandu juża s-sett ta' *data* pprovdut għal dak l-iskop mill-EEA.
2. Meta jiġi identifikat żball fis-sett ta' *data*, il-manifattur għandu, fejn possibbli, jikkoreġih u jindika, permezz ta' entrata separata fis-sett ta' *data* għal kull rekord ta' vetturi, intitolat "Kummenti tal-manifattur", wieħed mill-kodċijiet li ġejjin:
 - (a) il-Kodċi A, jekk ir-reġistru jkun inbidel mill-manifattur;
 - (b) il-Kodċi B, jekk il-vettura ma tistax tiġi identifikata mill-manifattur;
 - (c) il-Kodċi C, jekk il-vettura taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/631;
 - (d) il-Kodċi D, jekk il-manifattur li lilu tkun ġiet attribwita vettura tal-kategorija N1 huwa l-manifattur tal-vettura kompluta iżda mhux tal-vettura bażi mhux kompluta jew kompluta.

Għall-finijiet tal-punt (b), vettura titqies mhux identifikabbli meta l-VIN ikun nieqes jew ikun manifestament żbaljat.

3. Il-manifatturi għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe żball skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2019/631 billi japplowdjaw is-sett ta' *data* kkoreġut komplut fil-BDR. Dawn għandhom jibagħtu wkoll kopja elettronika tan-notifika għall-informazzjoni lill-indirizzi tal-posta elektronika li ġejjin:

EC-CO₂-LDV-implementation@ec.europa.eu

u

CO₂-monitoring@eea.europa.eu

4. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li t-talbiet għal kjarifiki tal-korrezzjonijiet mill-Kummissjoni jew mill-EEA jiġu indirizzati mingħajr dewmien mill-persuni ta' kuntatt tagħhom maħtura skont l-Artikolu 5(c) ta' dan ir-Regolament.
5. Meta manifattur ma jinnotifikax lill-Kummissjoni bi kwalunkwe żball qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' tliet xhur previst fl-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2019/631, il-valuri provviżorji nnotifikati skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala finali.

Artikolu 7

Rapportar ta' data relatata ma' vetturi kummerċjali ħfief kompluti

Il-manifatturi ta' vettura bażi kif imsemmija fil-punt 1.2.2 tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/631 għandhom jittrażmettu d-*data* msemmija f'dak il-punt permezz ta' trasferiment elettroniku tad-*data* lill-BDR sa mhux aktar tard minn tliet xhur minn meta jiġu nnotifikati bid-*data* provviżorja skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Rapportar tal-emissjonijiet tas-CO₂ tan-NEDC għall-finijiet tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/631

1. Manifattur ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fis-snin kalendarji 2021 jew 2022 b'valuri mkejla tas-CO₂ tan-NEDC ta' inqas minn 50 g CO₂/km, kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1153, għandu jirrapporta dawk il-valuri mkejla tas-CO₂ tal-NEDC lill-Kummissjoni flimkien man-notifika msemmija fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.
2. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-manifattur biex jipprovdi ċ-ċertifikati ta' konformità u ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip rilevanti li jappoġġaw il-valuri rrapportati tal-emissjonijiet tas-CO₂.

KAPITOLU 3

IL-ĠBIR U R-RAPPORTAR TA' DATA TAL-UŻU REALI

Artikolu 9

Ġbir u rapportar ta' data tal-użu reali mill-manifatturi

1. Il-manifatturi għandhom jiġbru *data* tal-użu reali flimkien mal-VINs ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħief ġodda li huma rreġistrati mill-1 ta' Jannar 2021 u li huma mgħammra b'apparat għall-monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-enerġija abbord skont l-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2017/1151, sakemm sid il-vettura ma jirrifjutax b'mod espliċitu li jagħmel dik id-*data* disponibbli għall-manifattur jew għan-negozjant awtorizzat jew għas-sewwej awtorizzat tiegħu.
2. Meta d-*data* tal-użu reali u l-VINs ma jinġabrux mill-manifattur permezz ta' trasferiment dirett tad-*data* mill-vettura, il-manifattur għandu jiżgura li d-*data* tinġabar u tiġi trażmessa lil min-negozjant awtorizzat jew mis-sewwej awtorizzat tiegħu kull darba li l-vettura tinġieb għas-service jew għat-tiswija jew għal kwalunkwe intervent ieħor u li d-*data* għandha tinqara mill-port serjali dijanjostika abbord tal-vettura. L-apparat jew l-għodda tal-iskennjar użata għandha tkun kapaċi taqra d-*data* kif tiġi rreġistrata fuq l-apparat għall-monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-enerġija abbord. Il-qari tad-*data* għandu jkun bla hłas u ma għandu jkun soġġett għal ebda kundizzjonijiet speċifiċi.

Il-manifattur u, meta applikabbli, in-negozjant awtorizzat jew is-sewwej awtorizzat tiegħu, għandu jiżgura li għall-ġbir tal-VINs jintużaw mezzi ta' komunikazzjoni sikuri.

3. Fl-1 ta' April ta' kull sena, b'effett mill-2022, manifattur għandu jirrapporta lill-Kummissjoni kwalunkwe *data* tal-użu reali u l-VINs li jkunu nġabru fis-sena kalendarja preċedenti, kif speċifikat fit-Tabella 1 tal-Anness, billi japplowdjaha fuq il-BDR.

Fil-każ li diversi rekords li jirreferu għall-istess VIN jinġabru minn manifattur fl-istess sena kalendarja, id-*data* tal-użu reali li għandha tiġi rrapportata għandha tkun ir-rekord li jindika l-ogħla distanza totali vvaġġata. Id-*data* tal-użu reali għal vettura partikolari għandha tinġabar għal perjodu massimu ta' 15-il sena mid-*data* li fiha d-*data* għal dik il-vettura tkun ġiet irrapportata għall-ewwel darba lill-EEA.

Meta manifattur jiddikjara li d-*data* tal-użu reali ma tistax tiġi rrapportata, jew tista' tiġi rrapportata biss parzjalment, dan għandu jagħmel dikjarazzjoni f'dak ir-rigward lill-Kummissjoni u għandu jipprovdi r-raġunijiet għal dan. Id-dikjarazzjoni u l-ġustifikazzjoni għandhom jiġu applowdjati fuq il-BDR.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għall-manifatturi ta' volumi żgħar kif imsemmija fl-Artikolu 15(11) tar-Regolament (UE) 2017/1151.

Artikolu 10

Ġbir u rapportar ta' data tal-użu reali mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi jew l-istabbilimenti msemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/45/UE jiġbru *data* tal-użu reali u VINs ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħief ġodda li huma rreġistrati mill-1 ta' Jannar 2021 u li huma mgħammra b'apparat għall-monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-enerġija abbord skont l-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2017/1151.

B'effett mill-20 ta' Mejju 2023, id-*data* tal-użu reali flimkien mal-VINs għandhom jinġabru meta l-vetturi jgħaddu minn testijiet tal-affidabbiltà stradali skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/45/UE, sakemm sid il-vettura ma jirrifjutax b'mod espliċitu li jagħmel dik id-*data* disponibbli.

Id-*data* tal-użu reali għandha tinqara permezz ta' apparat għall-konnessjoni mal-interfaċċja elettronika tal-vettura, bħal għodda tal-iskennjar kif imsemmi fl-Anness III tad-Direttiva 2014/45/UE. L-apparat użat għandu jkun kapaċi jaqra d-*data* kif tiġi rreġistrata fuq l-apparat għall-monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-enerġija abbord.

2. B'effett mill-2022, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-*data* tal-użu reali flimkien mal-VINs, kif speċifikat fit-Tabella 1 tal-Anness, li ngābret fis-sena kalendarja preċedenti, tiġi rrapportata lill-Kummissjoni kull sena fl-1 ta' April, billi japplowdjaw dik id-*data* fis-CDR. Meta tali *data* ma tkunx disponibbli, għandha tiġi applowdjata fis-CDR dikjarazzjoni f'dak ir-rigward, li tinkludi r-raġunijiet għaliex id-*data* mhijiex disponibbli.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-*data* tal-użu reali għal vettura partikolari tinġabar għal perjodu massimu ta' 15-il sena mid-*data* li fiha dik id-*data* tkun ġiet irrapportata għall-ewwel darba għall-vettura lill-EEA.

L-Istati Membri u l-korpi jew l-istabilimenti responsabbli għall-ġbir tal-VINs għandhom jiżguraw li għall-ġbir tal-VINs jintużaw mezzi ta' komunikazzjoni sikuri.

Artikolu 11

Obbligi relatati mal-protezzjoni ta' data personali

1. L-entitajiet li ġejjin li huma responsabbli mill-ġbir tal-VINs flimkien mad-*data* tal-użu reali direttament mill-vetturi, għandhom, fir-rigward tal-ġbir u l-ipproċessar tal-VINs, jitqiesu bħala kontrolluri tad-*data* rilevanti skont it-tifsira tal-punt 7 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679:

- (a) il-manifatturi fil-każ ta' trasferimenti diretti ta' *data* mill-vetturi lill-manifattur;
- (b) in-negozjanti awtorizzati jew is-sewweġja awtorizzati;
- (c) il-korpi jew l-istabilimenti responsabbli għall-ittestjar tal-affidabbiltà stradali.

Dawk l-entitajiet għandhom jiżguraw li jissodisfaw l-obbligu li jipprovdu informazzjoni lis-sidien tal-vetturi fil-kapaċità tagħhom bħala suġġetti tad-*data*, kif stipulat fl-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament.

2. Meta l-VINs ikunu nksibu b'mod indirett minn sid il-vettura għall-finijiet tal-Artikoli 3, 9 jew 10, l-Istati Membri, u, fejn applikabbli, il-manifatturi għandhom, fil-kapaċità tagħhom bħala kontrolluri tad-*data*, jiżguraw li jissodisfaw l-obbligu li jipprovdu informazzjoni lis-sidien tal-vetturi kif stabbilit fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/679.

3. L-EEA u l-Kummissjoni għandhom, b'rabta mal-ġbir u l-ipproċessar tal-VINs għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jitqiesu bħala kontrolluri tad-*data* soġġetti għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1725.

4. Il-VINs u d-*data* tal-użu reali miġbura skont l-Artikoli 9 u 10 ta' dan ir-Regolament ma jistgħu jintużaw għall-ebda skop għajr dak speċifikat fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/631.

5. Il-VINs u d-*data* tal-użu reali miġbura skont l-Artikoli 9 u 10 jistgħu jinżammu biss għall-perjodi li ġejjin:

- (a) mill-manifatturi, sakemm dik id-*data* tkun ġiet irrapportata skont l-Artikolu 9(3);
- (b) min-negozjanti u mis-sewweġja awtorizzati, sakemm dik id-*data* tkun ġiet trażmessa lill-manifattur skont l-Artikolu 9(2);
- (c) mill-korpi u mill-istabilimenti responsabbli għat-testijiet tal-affidabbiltà stradali, sakemm dik id-*data* tkun ġiet trażmessa lill-EEA, jew lill-awtorità maħtura mill-Istati Membri għar-rapportar tad-*data* lill-EEA, skont l-Artikolu 10(2);
- (d) mill-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri għar-rapportar tad-*data* tal-użu reali lill-EEA, sakemm dik id-*data* tkun ġiet irrapportata skont l-Artikolu 10(2);

- (e) mill-EEA, sa 20 sena mid-*data* li fiha *d-data* tkun ġiet applowdjata għall-ewwel darba fil-BDR skont l-Artikolu 9(3) jew fis-CDR skont l-Artikolu 10(2).

Artikolu 12

Pubblikazzjoni ta' data tal-użu reali

B'effett minn Diċembru 2022, kull sena l-Kummissjoni għandha tippubblika settijiet ta' *data* anonimizzati u aggregati li għandhom jinqasmu bejn il-karozzi tal-passiġġieri u l-vetturi kummerċjali ħfief li jaħdmu b'magni ta' kombustjoni interna, u vetturi elettriċi ibridi b'iċċarġjar mhux fuq il-vettura (OVC-HEVs) tal-istess kategoriji, inkluża *d-data* li ġeja għal kull manifattur:

- (a) il-konsum medju tal-fjuwil (l/100 km) abbażi tad-*data* rrapportata skont l-Artikoli 9 u 10;
- (b) il-konsum medju tal-enerġija elettrika (kWh/100 km) abbażi tad-*data* rrapportata skont l-Artikoli 9 u 10;
- (c) l-emissjonijiet medji tas-CO₂ (g/km) ikkalkulati abbażi tad-*data* rrapportata skont l-Artikoli 9 u 10;
- (d) id-differenza bejn il-konsum medju tal-fjuwil imsemmi fil-punt (a) u l-medja tal-valuri tal-konsum tal-fjuwil irreġistrati fiċ-ċertifikati ta' konformità tal-istess vetturi bħal dawk li għalihom ġiet irrappurtata *d-data* tal-użu reali;
- (e) id-differenza bejn il-konsum medju tal-enerġija elettrika msemmi fil-punt (b) u l-medja tal-valuri tal-konsum tal-enerġija elettrika rreġistrati fiċ-ċertifikati tal-konformità tal-istess vetturi bħal dawk li għalihom ġiet irrappurtata *d-data* tal-użu reali;
- (f) id-differenza bejn l-emissjonijiet medji tas-CO₂ (g/km) ikkalkulati skont il-punt (c) u l-medja tal-valuri tal-emissjonijiet tas-CO₂ irreġistrati fiċ-ċertifikati ta' konformità tal-istess vetturi bħal dawk li għalihom ġiet irrappurtata *d-data* tal-użu reali.

Il-punti (b) u (e) għandhom japplikaw biss fir-rigward tal-OVC-HEVs.

Artikolu 13

Rieżami

Il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) 2019/631, tirrevedi l-implimentazzjoni tal-Artikoli 9 sa 12 ta' dan ir-Regolament filwaqt li tqis, b'mod partikolari, dan li ġej:

- (a) l-għadd ta' vetturi mgħammra b'apparat għat-trasferiment dirett tad-*data*;
- (b) il-ħtieġa ta' monitoraġġ u rapportar kontinwi tad-*data* tal-użu reali mill-manifatturi;
- (c) il-perjodu ta' żmien li matulu *d-data* tal-użu reali jeħtieġ li tiġi mmonitorjata u rrapportata;
- (d) il-livell xieraq ta' aggregazzjoni tad-*data* li għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU 4

MONITORAĠĠ U RAPPORTAR TAD-DATA MIT-TESTIJET LI JSIRU SKONT IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI (UE) 2017/1151

Artikolu 14

Data tat-test

1. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jiżguraw li *d-data* speċifikata fit-Tabella 2 tal-Anness tiġi rreġistrata għal kull test tat-Tip 1 imwettaq skont l-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151.

2. *Id-data* rreġistrata għandha tiġi applowdjata f'format kriptat fis-server dedikat tal-Kummissjoni. Meta *d-data* tkun ġiet applowdjata b'mod korrett, għandha tintbagħat irċevuta mis-server tal-Kummissjoni lill-entità li tkun applowdjat *id-data*.
3. *Id-data* tat-test ma għandhiex tiġi ppubblikata.

Artikolu 15

Tħassir

1. Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1014/2010 u (UE) Nru 293/2012 jitħassru b'effett mill-1 ta' Marzu 2021.
2. Ir-Regolamenti ta' implimentazzjoni (UE) 2017/1152 u (UE) 2017/1153 jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2025.

Artikolu 16

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

1. Il-ġbir u r-rapportar ta' data dwar l-użu reali u vins skont l-Artikoli 9 u 10

Tabella 1

Data li għandha tiġi rrapportata skont l-Artikoli 9 u 10

Parametru	Unità	Vetturi tal-kategorija M1 u N1	
		Vetturi b'magna tal-kombustjoni interna biss u vetturi elettriċi ibridi b'iċċarġjar fuq il-vettura ⁽¹⁾	Vetturi elettriċi ibridi b'iċċarġjar mhux fuq il-vettura ⁽²⁾
In-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura	-	√	√
Il-fjuwil totali kkonsmat (tul il-ħajja tal-vettura)	l	√	√
Id-distanza totali vvjaġġata (tul il-ħajja tal-vettura)	km	√	√
Il-fjuwil totali kkonsmat fi tħaddim bi tnaqqis taċ-ċarġ (tul il-ħajja tal-vettura)	l	-	√
Il-fjuwil totali kkonsmat fi tħaddim b'żieda taċ-ċarġ ta' modalità li tista' tintgħażel mis-sewwieq (tul il-ħajja tal-vettura)	l	-	√
Id-distanza totali vvjaġġata fi tħaddim bi tnaqqis taċ-ċarġ bil-magna mitfija (tul il-ħajja tal-vettura)	km	-	√
Id-distanza totali vvjaġġata fi tħaddim bi tnaqqis taċ-ċarġ bil-magna qed taħdem (tul il-ħajja tal-vettura)	km	-	√
Id-distanza totali vvjaġġata fi tħaddim b'żieda taċ-ċarġ ta' modalità li tista' tintgħażel mis-sewwieq (tul il-ħajja tal-vettura)	km	-	√
L-enerġija tal-grilja totali fil-batterija (tul il-ħajja tal-vettura)	kWh	-	√

⁽¹⁾ Jaħdmu esklussivament bid-diżil minerali, bil-bijodiżil, bil-petrol, bl-etanol jew bi kwalunkwe kombinament ta' dawk il-fjuwils.

⁽²⁾ Jaħdmu bl-elettriku u bid-diżil minerali, bil-bijodiżil, bil-petrol jew bl-etanol.

2. Rapportar tad-data skont l-Artikolu 14

Il-parametri li ġejjin għandhom jiġu rrapportati għal kull familja ta' interpolazzjoni, jiġifieri għall-vehicle high (VH) u, fejn applikabbli, għall-vehicle low (VL) jew vettura M, għat-testijiet tat-Tip 1 imwettqa skont l-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151.

Ħlief fejn indikat mod ieħor fit-Tabella 2, fejn isir aktar minn test wieħed tat-Tip 1 ta' vehicle high jew ta' vehicle low, id-data tat-test għandha tiġi rrapportata skont dan li ġej:

- fil-każ ta' żewġ testijiet tat-Tip 1, id-data tat-test għat-test tat-Tip 1 bl-ogħla emissjonijiet tas-CO₂ imkejla (ikkombinati);
- fil-każ ta' tliet testijiet tat-Tip 1, id-data tat-test għat-test tat-Tip 1 bil-medjan tal-emissjonijiet tas-CO₂ imkejla (ikkombinati).

Tabella 2

Data tat-test tat-Tip 1

Nru.	Parametri	Unità	Sors (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, ir-referenzi kollha huma għar-Regolament (UE) 2017/1151)	Kummenti
1	Identifikatur tal-familja tal-interpolazzjoni	-	Il-Punt 0, it-Taqsima II taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip, l-Appendiċi 4 tal-Anness I.	<i>Għandha tiġi pprovduta data għal kull familja ta' interpolazzjoni b'approvazzjoni tat-tip</i>
2	Identifikatur tal-familja tal-interpolazzjoni tal-ġenitur (fejn applikabbli)	-	-	<i>Indika l-identifikatur tal-familja tal-interpolazzjoni tal-ġenitur, jekk id-data tat-test tkun ġiet iddeterminata għal familja tal-interpolazzjoni oħra</i>
3	Estensjoni ta' approvazzjoni tat-tip	-	Ċertifikat tal-Approvazzjoni tat-Tip tal-KE	<i>0 = Le 1 = Iva – jekk it-test isir għall-iskop ta' estensjoni ta' approvazzjoni tat-tip</i>
4	Tip ta' propulsjoni	-		<i>ICEV, OVC-HEV, NOVC-HEV biss</i>
5	Il-kategorija u l-klassi tal-vettura		Il-Punt 0.4, l-Appendiċi 3 tal-Anness I	<i>M1 jew N1 Klassi 1, 2 jew 3</i>
6	Tip ta' tqabbid		Il-Punt 3.2.1.1., l-Appendiċi 3 tal-Anness I	<i>Tqabbid bl-ispark plaggs jew tqabbid bil-kompressjoni</i>
7	Numru ta' ċilindri	-	Il-Punt 3.2.1.2., l-Appendiċi 3 tal-Anness I	<i>In-numru, jekk ma jkunx ipprovdut, huwa prestabbilit għal 4</i>
8	L-istroke tal-magna	mm	Il-Punt 3.2.1.2.2., l-Appendiċi 3 tal-Anness I	
9	Iċ-ċilindrata	cm ³	Il-Punt 3.2.1.3., l-Appendiċi 3 tal-Anness I	
10	Il-potenza nominali tal-magna	kW	Il-Punt 3.2.1.8., l-Appendiċi 3 tal-Anness I	
11	Il-veloċità tal-magna bil-potenza nominali tal-magna	min ⁻¹	Il-Punt 3.2.1.8., l-Appendiċi 3 tal-Anness I	<i>Il-veloċità tal-magna bil-potenza netta massima</i>
12	It-tip ta' fjuwil	-	Il-Punt 3.2.2.1. tal-Appendiċi 3 tal-Anness I	<i>Diżil/Petrol/LPG/NG jew Bijometan/Etanol (E85)/Bijodiżil/Idroġenu</i>
13	Vettura bifjuwil	-	Il-Punt 3.2.2.4., l-Appendiċi 3 tal-Anness I	<i>0 = Le 1 = Iva Fil-każ ta' vetturi bifjuwil, għandhom jiġu pprovduti riżultati tat-testijiet għaż-żewġ tipi ta' fjuwil (2 mudelli tal-input)</i>

14	L-output ta' potenza massima ta' kull magna elettrika (P0, P1, P2, P2 planetarju, P3, jew P4) (*)	kW	Il-Punt 3.3.1.1.1., l-Appendiċi 3 tal-Anness I	OVC-HEV u NOVC-HEV
15	In-numru ta' ċelloli tal-REESS	-	Il-Punt 3.3.2.1. l-Appendiċi 3 tal-Anness I	OVC-HEV u NOVC-HEV
16	Il-kapaċità tal-batterija ta' servizz	Ah	Il-Punt 3.4.4.5, l-Appendiċi 3 tal-Anness I	Il-kapaċità tal-batterija b'vultaġġ baxx
17	Il-vultaġġ nominali tal-alternatur	V	Il-Punt 3.4.4.5, l-Appendiċi 3 tal-Anness I	Il-vultaġġ nominali tal-alternatur (obbligatorju għat-tip "ICEV biss")
18	Id-dimensjonijiet tat-tajers (quddiem/wara)	-	Il-Punt 3.5.7.1 Parametri tal-vettura tat-test, l-Appendiċi 3 tal-Anness I	Il-kodiċi tat-tajer (eż. P195/55R1685H) tat-tajers tal-vettura tat-test
19	Il-koeffiċjent tat-tagħbija fit-triq F0	N	Il-Punt 3.5.7.1. l-Appendiċi 3 tal-Anness I	VH u VL (jekk applikabbli)
20	Il-koeffiċjent tat-tagħbija fit-triq F1	N/(km/h)	Il-Punt 3.5.7.1. l-Appendiċi 3 tal-Anness I	VH u VL (jekk applikabbli)
21	Il-koeffiċjent tat-tagħbija fit-triq F2	N/(km/h) ²	Il-Punt 3.5.7.1. l-Appendiċi 3 tal-Anness I	VH u VL (jekk applikabbli)
22	It-tip ta' gerboks	-	Il-Punt 4.5.1., l-Appendiċi 3 tal-Anness I	awtomatiku/manwali/CVT/planetarju
23	Il-proporzjonijiet interni tal-gerboks	-	Il-Punt 4.6, l-Appendiċi 3 tal-Anness I	Għal kull ger separatament
24	Il-proporzjon(ijiet) tat-trażmissjoni finali	-	Il-Punt 4.6, l-Appendiċi 3 tal-Anness I	Jekk il-vettura jkollha aktar minn trażmissjoni finali waħda, daħħal il-valuri għal kull ger separatament
25	Il-valuri tal-marġini addizzjonali tas-sikurezza (ASM)	%	Il-Punt 4.6.1.7.1, l-Appendiċi 3 tal-Anness I	Irrapporta l-valuri meta jintużaw għall-kalkoli tat-tibdil tal-gerijiet
26	Ir-roti tas-sewqan	-	Il-Punt 1.7, l-Appendiċi 4 tal-Anness I	Trazzjoni fuq żewġ roti, trazzjoni fuq erba' roti.
27	L-emissjonijiet tas-CO ₂ li jnaqqsu ċ-ċarġ (ikkombinati)	gCO ₂ /km	Il-Punt 2.5.3.2, l-Appendiċi 4 tal-Anness I	OVC-HEV biss Fil-każ ta' 2 jew 3 testijiet, għandhom jiġu pprovduti r-riżultati kollha.
28	L-emissjonijiet tas-CO ₂ ponderati kkombinati (imkejla)	gCO ₂ /km	2.5.3.3., l-Appendiċi 4 tal-Anness I	OVC-HEV biss. Fil-każ ta' 2 jew 3 testijiet, għandhom jiġu pprovduti r-riżultati kollha.
29	L-emissjonijiet tas-CO ₂ ponderati kkombinati (iddikjarati)	gCO ₂ /km	Il-Punt 2.5.3.3., l-Appendiċi 4 tal-Anness I	OVC-HEV biss

30	L-ekwivalenti tal-medda Elettrika Kollha (EAER) ikkombinata	km	Il-Punt 2.5.3.7.2., (EAER), l-Appendiċi 4 tal-Anness I	OVC-HEV biss
31	Il-veloċità idle tal-magna	min ⁻¹	Il-Punt 1.1.2., l-Appendiċi 8a tal-Anness I	Il-veloċità idle f'kundizzjonijiet sħan
32	Il-fatturi Willans għal ICE għall-emissjonijiet tas-CO ₂	gCO ₂ /MJ	Il-Punt 1.1.3., l-Appendiċi 8a tal-Anness I	Il-valur skont it-Tabella A6.App2/3 użat għall-korrezzjoni tal-RCB
33	Il-kapaċità tal-REESS tat-trazzjoni	Ah	Il-Punt 1.1.10., l-Appendiċi 8a tal-Anness I	OVC-HEV u NOVC-HEV
34	It-tip ta' teknoloġija tal-REESS tat-trazzjoni	-	Il-Punt 1.1.10., l-Appendiċi 8a tal-Anness I	OVC-HEV u NOVC-HEV
35	Il-vultaġġ nominali jew serje ta' ħin tal-REESS tat-trazzjoni	V	Il-Punt 1.1.10., l-Appendiċi 8a tal-Anness I	OVC-HEV u NOVC-HEV Il-valuri nominali jew f'serje ta' ħin użati għat-test (20Hz)
36	Il-massa tat-test	kg	Il-Punt 1.2.1 għal VH u l-Punt 1.3.1. għal VL, l-Appendiċi 8a, l-Anness I	VH u VL (jekk applikabbli)
37	In-numru ta' assi dinamometriku matul it-test	-	Il-Punt 2.1, l-Appendiċi 8a tal-Anness I	Konfigurazzjoni tax-xażi dinamometriku matul it-test tat-Tip 1 (fus 1, 2 fusijiet) għal VH/VL
38	Kurrent tal-alternejter (konvertitur DC/DC - naħa tal-vultaġġ baxx - fil-każ ta' NOVC u ta' OVC-HEVs)	A	Kif imkejjel fit-test tat-Tip 1	Arranġament: 1Hz, riżoluzzjoni ta' 0.1 A, apparat estern tal-kejl sinkronizzat max-xażi dinamometriku
39	Fattur Riġenerattiv K _i multiplikattiv/addittiv	-	Il-Punt 2.1.1.2.1., l-Appendiċi 8a tal-Anness I	L-emissjonijiet tas-CO ₂ ; Għal vetturi mingħajr sistemi li jirriġeneraw perjodikament, dan il-valur huwa ugwali għal 1.
40	Il-valur imkejjel ta' CO ₂ ffazi baxxa	gCO ₂ /km	Il-Punt 2.1.1.2.1, l-Appendiċi 8a tal-Anness I	Valur imkejjel mhux ikkoreġut ta' M _{CO₂,p.1} tal-fażi baxxa (valur li jsostni l-iċċarġjar fil-każ ta' NOVC- u OVC-HEVs).
41	Il-valur imkejjel ta' CO ₂ ffazi medja	gCO ₂ /km	Il-Punt 2.1.1.2.1, l-Appendiċi 8a tal-Anness I	Valur imkejjel mhux ikkoreġut ta' M _{CO₂,p.1} tal-fażi medja (valur li jsostni l-iċċarġjar fil-każ ta' NOVC- u OVC-HEVs)
42	Il-valur imkejjel ta' CO ₂ ffazi għolja	gCO ₂ /km	Il-Punt 2.1.1.2.1, l-Appendiċi 8a tal-Anness I	Valur imkejjel mhux ikkoreġut ta' M _{CO₂,p.1} tal-fażi għolja (valur li jsostni l-iċċarġjar fil-każ ta' NOVC- u OVC-HEVs)
43	Il-valur imkejjel ta' CO ₂ ffazi għolja ħafna	gCO ₂ /km	Il-Punt 2.1.1.2.1, l-Appendiċi 8a tal-Anness I	Valur imkejjel mhux ikkoreġut ta' M _{CO₂,p.1} tal-fażi għolja ħafna (valur li jsostni l-iċċarġjar fil-każ ta' NOVC- u OVC-HEVs).

44	Il-valur imkejjel ta' CO ₂ (ikkombinat)	gCO ₂ /km	Il-Punt 2.1.1.2.1., l-Appendiċi 8a tal-Anness I	Valur imkejjel mhux ikkoreġut ta' M _{CO₂c.1} taċ-ċiklu sħiħ (valur li jsostni l-iċċarġjar fil-każ ta' NOVC- u OVC-HEVs). Fil-każ ta' 2 u 3 testijiet għandhom jiġu pprovduti r-riżultati kollha mkejla.
45	CO ₂ imkejjel ikkoreġut (ikkombinat)	gCO ₂ /km	Il-Punt 2.1.1.2.1., l-Appendiċi 8a tal-Anness I	L-emissjonijiet ikkombinati ta' CO ₂ imkejla għall-vettura H u L wara l-korrezzjonijiet kollha applikabbli, M _{CO₂c.5} . Fil-każ ta' 2 u 3 testijiet għandhom jiġu pprovduti r-riżultati kollha mkejla. Fil-każ ta' OVC-HEV u NOVC-HEV, din hija l-modalità li ssostni l-iċċarġjar
46	Il-valur iddikjarat ta' CO ₂	gCO ₂ /km	Il-Punt 2.1.1.2.1., l-Appendiċi 8a tal-Anness I	Valur iddikjarat mill-manifattur
47	Fattur ta' korrezzjoni tal-familja tal-ATCT	-	Il-Punt 2.1.1.2.2., l-Appendiċi 8a tal-Anness I	Fattur ta' korrezzjoni tal-familja tal-ATCT (korrezzjoni ta' 14 °C)
48	Il-konsum tal-fjuwil matul it-test tat-Tip 1 kif irreġistrat fuq l-apparat għall-monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil abbord (OBFCM)	l	Il-Punt 2.1.1.3.1., l-Appendiċi 8a tal-Anness I	Il-fjuwil ikkonsmat matul it-test (valur li jsostni l-iċċarġjar fil-każ ta' NOVC-HEV u OVC-HEV). Fil-każ ta' 2 u 3 testijiet għandhom jiġu pprovduti r-riżultati kollha mkejla.
49	In-numru tal-indiċi taċ-ċiklu ta' tranżizzjoni	-	Il-Punt 2.1.1.4.1.4., l-Appendiċi 8a tal-Anness I	għal OVC-HEV indika n-numru tal-indiċi taċ-ċiklu ta' tranżizzjoni
50	Vultaġġ nominali tal-REESS	V	Il-Punt 1.1.10., l-Appendiċi 8a tal-Anness I	Għall-batterija b'vultaġġ baxx kif deskritt fl-Appendiċi 2 tas-Subanness 6 tal-Anness XXI
51	Korrezzjoni tal-RCB			Il-korrezzjoni saret? 0 = Le 1 = Iva
52	Il-koeffiċjent tal-korrezzjoni tal-RCB	(g/km)/(Wh/km)	Il-Punt 2.1.1.2.1., l-Appendiċi 8a tal-Anness I	NOVC-HEV u OVC-HEV
53	Il-konsum tal-fjuwil	l/100 km	Iddeterminat skont il-Punt 6 tas-Subanness 7 tal-Anness XXI u permezz tar-riżultati għall-kriterji emissjonijiet u emissjonijiet tas-CO ₂ mill-Istadju 2 fit-Tabella A7/1	Il-konsum mhux ibbilanċjat tal-fjuwil tal-vettura H tat-test tat-Tip 1 u, fejn applikabbli, tal-vettura L. F'każ ta' żewġ jew tliet testijiet, għandhom jiġu rrapportati l-valuri kollha.
54	Ħin	sek	Kif imkejjel fit-test tat-Tip 1	Arranġament: Data tal-OBD u tax-Xażi Dinamometriku, 1Hz

55	Il-profil tal-veloċità (teoretiku)	km/siegħa	Kif applikat fit-test tat- Tip 1	Arranġament: 1Hz, riżoluzzjoni ta' 0.1 km/siegħa. Jekk ma jkunx ipprovdut, japplika l-profil tal-veloċità ddefinit fil-Punt 6 tas-Subanness 1 tal-Anness XXI u b'mod partikolari, tat-tabelli A1/7-A1/9, A1/11, u A1/12
56	Il-profil tal-veloċità (attwali)	km/siegħa	Kif imkejje fit-test tat- Tip 1	Arranġament: Data tal-OBD u tax-Xażi Dinamometriku, 1Hz u 10 Hz, riżoluzzjoni ta' 0.1 km/siegħa
57	Il-ger (teoretiku)	-	Kif applikat fit-test tat- Tip 1 ibbażat fuq il-kalkoli definiti fis-Subanness 2 tal-Anness XXI	Arranġament: 1Hz. Obbligatorju għal vetturi bi trażmissjoni manwali
58	Il-veloċità tal-Magna	rpm	Kif imkejje fit-test tat- Tip 1	Arranġament: 1Hz, riżoluzzjoni ta' 10 RPM mill-OBD
59	It-Temperatura tal-Fluwidu Berried tal-Magna	°C	Kif imkejla fit-test tat- Tip 1	Arranġament: Data tal-OBD, 1Hz, riżoluzzjoni ta' 1 °C
60	Il-kurrent tal-batterija ta' servizz	A	Kif imkejje fit-test tat- Tip 1	Arranġament: 1Hz, riżoluzzjoni ta' 0.1 A, apparat estern tal-kejl sinkronizzat max-xażi dinamometriku
61	It-tagħbija kkalkulata	-	Kif imkejla fit-test tat- Tip 1	Arranġament: Data tal-OBD, kejl tat-test ta' mill-inqas 1Hz (frekwenzi ogħla possibbli, riżoluzzjoni ta' 1 %)
62	Kurrent tal-REESS tat-trazzjoni	A	Kif imkejje fit-test tat- Tip 1	Il-valuri tas-serje f'ħin ta' 20Hz użati għat-test(ijiet) kampjunat/i mill-ġdid għal 1Hz obbligatorji għal NOVC-HEV u għal OVC-HEV
63	Rata tal-fjuwil tal-magna	g/s	Kif imkejla fit-test tat- Tip 1	Sinjal istantanju rreġistrat għat-test (valur li jsostni l-iċċarġjar fil-każ ta' NOVC-HEV u OVC-HEV).
64	Rata tal-fjuwil tal-magna	l/h	Kif imkejla fit-test tat- Tip 1	Idem
65	Rata tal-fjuwil tal-vettura	g/s	Kif imkejla fit-test tat- Tip 1	Idem
66	Il-kurva tal-potenza b'tagħbija sħiħa għall-ICEVs	kW vs. rpm	Dikjarazzjoni tal-manifattur	Il-kurva tal-potenza tat-tagħbija sħiħa tul il-medda tal-veloċità tal-magna minn n idle sa n nominali jew n mass, jew n dv(n gvmax) × v mass, skont liema minnhom ikun l-ogħla
67	L-istat inizjali ta' ċarġ tal-REESS tat-trazzjoni	%	Dikjarazzjoni tal-manifattur	SOC inizjali tal-REESS tat-trazzjoni f'kundizzjoni li ssostni l-iċċarġjar (għal OVC-HEV u NOVC-HEV)

68	Il-konsum tal-fjuwil bil-magna idle	g/s	Dikjarazzjoni tal-manifattur	Konsum tal-fjuwil bil-magna idle f'kundizzjoni sħuna
69	Il-potenza massima tal-alternatur	kW	Dikjarazzjoni tal-manifattur	
70	L-effiċjenza tal-alternatur	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	Valur prestabbilit = 0.67
71	Il-konvertur tat-torque	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	0 = Le, 1 = Iva; Il-vettura tuża konvertur tat-torque?
72	Il-ger li jiffranka l-fjuwil għat-trażmissjoni awtomatika	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	0 = Le, 1 = Iva
73	Turbocharger jew Supercharger	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	0 = Le 1 = Iva - Il-magna hija mgħammra b'xi tip ta' sistema ta' ċċarġjar?
74	Start-stop	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	0 = Le 1 = Iva - Il-vettura għandha sistema start-stop?
75	L-Irkupru tal-enerġija mill-Brejkijiet	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	0 = Le 1 = Iva - Il-vettura għandha teknoloġiji għall-irkupru tal-enerġija?
76	L-attwazzjoni varjabbli tal-valv	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	0 = Le 1 = Iva - Il-magna fiha attwazzjoni varjabbli tal-valv?
77	Il-ġestjoni termali	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	0 = Le 1 = Iva - Il-vettura għandha teknoloġiji li jimmaniġġjaw b'mod attiv it-temperatura fil-gerboks?
78	Injezzjoni diretta/ Injezzjoni tal-fjuwil mill-Bokka	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	0 = PFI 1 = DI
79	Il-kombustjoni b'taħlita fqira	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	0 = Le 1 = Iva - Il-magna tuża kombustjoni b'taħlita fqira?
80	Id-diżattivazzjoni taċ-ċilindru	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	0 = Le 1 = Iva - Il-magna tuża sistema ta' diżattivazzjoni taċ-ċilindru? Jekk iva, jekk jogħġbok ipprova wkoll il-proporzjonijiet taċ-ċilindri attivi
81	Ir-riċirkolazzjoni tal-gass tal-egżost	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	0 = Le 1 = Iva - Il-vettura għandha sistema esterna tal-EGR?
82	Il-filtru tal-partikuli	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	0 = Le 1 = Iva - Il-vettura għandha filtru tal-partikuli?
83	Ir-Riduzzjoni Katalitika Selettiva	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	0 = Le 1 = Iva - Il-vettura għandha sistema SCR?
84	In-nassa tal-NOx f'taħlita fqira	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	0 = Le 1 = Iva - Il-vettura għandha nassa tal-NOx f'taħlita fqira?

85	Konfigurazzjoni tal-Vettura Ibrida (P0, P1, P2, P2 planetarja, P3, jew P4) (*)	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	<i>Il-vettura għandha magna elettrika użata għall-propulsjoni tal-vettura u għall-ġenerazzjoni tal-enerġija elettrika fil-pożizzjoni P0, P1, P2, P2 planetarja, P3, jew P4, jew kombinament tagħhom?</i>
86	Output tat-torque massimu għal kull magna elettrika (P0, P1, P2, P2 planetarju, P3, jew P4) (*)	Nm	Dikjarazzjoni tal-manifattur	
87	Għal kull magna elettrika, il-proporzjon bejn il-veloċità rotazzjonali tal-magna elettrika u l-veloċità rotazzjonali ta' referenza (P0, P1, P2, P2 planetarju, P3, jew P4) (*)	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	
88	Funzjoni ta' deċelerazzjoni libera bil-magna mixgħula	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	<i>Iva/Le. Il-vettura għandha l-funzjoni ta' engine idle coasting (li tippermetti li l-magna tkun idle matul id-deċelerazzjoni libera tal-vettura sabiex jiġi ffrankat il-fjuwil)?</i>
89	Funzjoni ta' deċelerazzjoni libera bil-magna mitfija	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	<i>Iva/Le. Il-vettura għandha l-funzjoni ta' engine-stop coasting (li tippermetti li l-magna tintefa' waqt id-deċelerazzjoni libera tal-vettura sabiex jiġi ffrankat il-fjuwil)?</i>
90	Il-vettura mhijiex kompluta	-	Dikjarazzjoni tal-manifattur	<i>0 = Le 1 = Iva – Il-vettura mhijiex kompluta?</i>
91	Il-massa tal-vettura f'kundizzjoni ta' sewqan	kg	Il-Punt 1.1, l-Appendiċi 4 tal-Anness I	MRO għal VH u VL (jekk applikabbli)
92	Il-veloċità limitata tal-vettura	km/siegħa	Il-parametri għall-għażla taċ-ċiklu il-punt 1.2.3, l-Appendiċi 8a tal-Anness I	<i>Indika jekk il-veloċità limitata (u l-valur) intużatx fit-test tat-Tip 1 għal VH u VL (jekk applikabbli)</i>
93	Il-veloċità massima tal-vettura	km/siegħa	Il-parametri għall-għażla taċ-ċiklu il-punt 1.2.3, l-Appendiċi 8a tal-Anness I	<i>Indika l-veloċità massima tal-vettura għal VH u VL (jekk applikabbli)</i>
94	L-informazzjoni addizzjonali għall-kalkolu tat-tibdil tal-gerijiet	min ⁻¹	It-tibdil tal-gerijiet il-punt 1.2.4, l-Appendiċi 8a tal-Anness I	<i>Għal vetturi bi trażmissjoni manwali biss. Informazzjoni dwar sewqan n_min.</i>

(*) P0: il-magna elettrika hija mqabbdha maċ-ċinturin tas-servizz tal-magna u għalhekk ikollha l-veloċità tal-magna bħala l-veloċità ta' referenza;

P1: il-magna elettrika hija mqabbdha mal-krankxaft tal-magna u għalhekk ikollha l-veloċità tal-magna bħala l-veloċità ta' referenza;

P2: il-magna elettrika hija mmuntata dritt 'il fuq mit-trażmissjoni (gerboks jew trażmissjoni kontinwament varjabbli), u għalhekk ikollha l-veloċità tal-input tat-trażmissjoni bħala l-veloċità ta' referenza;

P2 planetarju: il-magna elettrika hija mqabba mal-ger ta' sett ta' gerijiet planetarji li ma jkunx imqabba mal-magna tal-kombustjoni interna jew mal-ġnub tat-trażmissjoni finali, hawnhekk imsejħa bħala l-ġenb planetarju. F'dan il-każ il-proporzjon tal-veloċità li għandu jiġi speċifikat huwa l-proporzjon bejn il-magna elettrika u l-veloċità tar-rotazzjoni tal-ġenb planetarju (il-veloċità ta' referenza) li jirrifletti l-effett tal-multiplikazzjoni/tnaqqis tal-veloċità ta' ger ta' tnaqqis;

P3: il-magna elettrika hija dritt 'il fuq mit-trażmissjoni finali ta' fus motorizzat, għalhekk ikollha l-veloċità rotazzjonali tal-input tat-trażmissjoni finali bħala l-veloċità ta' referenza (dan jinkludi magni elettriċi mmuntati fuq il-ger ta' sett ta' gerijiet planetarji fuq in-naħa tat-trażmissjoni finali). Vettura jista' jkollha sa żewġ magni P3 (waħda għall-fus ta' quddiem (P3a) u waħda għall-fus ta' wara (P3b));

P4: il-magna elettrika hija 'l isfel mit-trażmissjoni finali, u għalhekk ikollha l-veloċità tar-rota bħala l-veloċità ta' referenza. Vettura jista' jkollha sa erba' muturi P4 (wieħed għal kull rota, fejn P4a jindika r-roti ta' quddiem u P4b ir-roti ta' wara).
